V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.9915 — Mitsubishi Corporation Energy/ENEOS/Taiyo Koyu)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 256/03)

1. Fit-28 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifka tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsubishi Corporation Energy ("MCE", il-Ġappun), ikkontrollata minn Mitsubishi Corporation,

— ENEOS Corporation (il-Ġappun), ikkontrollata minn ENEOS Holdings Inc. ("ENEOS"),

— Taiyo Koyu Co., Ltd ("Taiyo Koyu", il-Ġappun).

MSE u ENEOS jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Taiyo Koyu. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MCE: il-bejgħ u l-kummerċ (esportazzjoni / importazzjoni) ta' prodotti petrolifiċi, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' stazzjonijiet tal-fjuwil, u l-bejgħ ta' diversi prodotti industrijali,

— ENEOS Corporation: l-enerġija, inklużi l-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti petrolifiċi, petrokimiċi, elettriċità, lubrikanti, faħam u idroġenu,

— Taiyo Koyu: it-tħaddim ta' stazzjonijiet tal-fjuwil self-service u tas-servizz sħiħ għat-trakkijiet fil-Ġappun, il-bejgħ bl-imnut tal-petrol, tal-pitrolju, tad-diżil, taż-żjut lubrikanti, u ta' prodotti oħrajn taż-żejt mhux maħdum, il-bejgħ ta' partijiet tal-karozzi, l-ispezzjoni tal-karozzi, u servizzi oħra tal-manutenzjoni tal-karozzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9915 — Mitsubishi Corporation Energy/ENEOS/Taiyo Koyu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË